# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 107/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**vs**

**Jason (Jason Jesmond) Cini**

Seduta tal-10 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jason (Jason Jesmond) Cini, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 236372M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-15 ta' Diċembru, 2013 bil-vettura JAS350 ġewwa Triq Elija Zammit, San Ġiljan: 1) Saq vettura bil-mutur, mar kontra is-sinjal tat-traffiku (no entry); 2) Saq vettura bil-mutur, naqas li jilbes ċintorin tas-sigurta; 3)Saq jew pprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi; u 4) Saq jew pprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post

pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun iżjed mil-limitu preskritt - Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jkun skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien ta' mhux anqas minn sitt (6) xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-23 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, ikkundannatu għal multa ta' €1,500 u issospendietlu l-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur;

Rat ir-rikors tal-appellant, Jason (Jason Jesmond) Cini ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tħassar** is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija fit-23 ta' Frar, 2016 billi tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena. Fin-nuqqas għandha tagħti piena adegwata fiċ-ċirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata u jressaq s-segwenti tlett aggravji: li l-ewwel żewġ imputazzjonijiet huma preskritti għaliex kien notifikat sena u xahar wara l-allegati reati ;

l-eżami tan-nifs ma kienx iċċertifikat bil-ġurament; li r-riħa tax-xorb ma tfissirx li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq;

2. Inkwantu jirrigwarda l-aggravju tal-preskrizzjoni dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, din il-Qorti fliet l-atti u jirriżulta li huwa kien imputat b'fatti li allegatament sehhew fil-15 ta' Diċembru, 2013 . Fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2014 l-imputat rrizulta mhux notifikat u l-istess ghall-udjenza tas-7 t'Ottubru, 2014. L-ewwel darba li kien notifikat kien fis-27 ta' Jannar, 2015 skont ir-riferta a fol 15 tal-proċess, igifieri sena u xahar wara.

3. Illi skond it-Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 u l-LS 65.12 l-ewwel zewg imputazzjonijiet huma soggetti ghall-piena tal-ammenda. Issa, skond l-artikolu 688 (f) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta reat soggett ghal-piena tal-ammenda huwa preskritt bi trapass ta' tlett xhur. L-appellant ghalhekk ghandu ragun fl-ewwel aggravju u dan ser ikun akkolt;
4. Fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li r-rizultat tal-eżami tan-nifs ma kienx ġuramentat. Il-Qorti eżaminat l-atti processwali u fl-affidavit taghhom, PS 1139 K.M. Cassar (fol 2) u PC974 Alexander Azzopardi (fol 3) jikkonfermaw ir-rizultat bil-gurament taghhom liema rizultat ta' test ta' nifs jinsab esebit a fol 59 tal-process. Dan il-breathalyser test juri rizultat ta' 078ug/100ml li huwa d-doppju ta' dak permess mil-ligi ta' 035ug/100ml. L-appellant ghalhekk mghandux ragun f'dan l-aggravju u konsegwentement qed ikun michud;
5. Fit-tielet aggravju l-appellant qed jikkontesta l-fatt li għalkemm kellu r-riħa tax-xorb ma jfissirx li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Dwar dan l-aggravju irid jinghad illi meta sar l-breathalyser test fuq l-appellant l-apparat immarka sew oltre l-ammont dak permess mill-liġi. L-artikolu 15I tal-Kap 65 kif vigenti fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat jiddeskrivi l-limitu ta' 35mg/100ml fin-nifs (llum, wara l-Att XIV din hija ridotta ghall-22ug/100ml). L-appellant ghalhekk kien qed isuq taht l-influwenza ta' xorb f'livell

oltre d-doppju minn dak konċess mill-liġi u ghalhekk mhix kwisjtoni ta' riha ta' xorb jew le izda ta' rizultat oggettiv li ma jhalli ebda dubju tal-istat intossikat tal-appellant. Ir-riha fin-nifs kienet biss indikazzjoni ghaliex l-ufficcjali tal-Pulizija kellhom jirrikorru ghat-test tan-nifs.. Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

6. L-appellant jissottometti wkoll fit-tielet aggravju tiegħu li t-tielet u r-raba' imputazzjoni huma assorbiti fit-tielet imputazzjoni. Il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju għaliex dawn iż-żewġ reati huma distinti għal kollox minn xulxin kif jidher mit-test tal-liġi stess u mill-atti jirriżultaw it-tnejn. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll;

7. L-appellant jitlob b'mod sussidjarju li tinghata piena adegwata u li din il-Qorti tifhem li ried jghid piena aktar miti. Minkejja li l-ewwel zewg imputazzjonijiet li jgorru maghhom piena tal-ammenda, ma jidhirx li hemm lok ghal-varjazzjoni fil-piena li fil-minimu taghha fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat ma tistax tkun ta' anqas minn €1,200;

8. Ghalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi tibdel is-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minnhom tilliberah; tikkonfermaha f'dik il-parti li sabet lill-appellant hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni, kif ukoll f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' €1500 pagabbli ratealment kif awtorizzat fl-istess sentenza u kwantu ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur liema sospensjoni tibda ssehh minn nofs-il lejl tal-lum.